MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Numru 924/2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Clifton Galea, iben Dominic,
imwieled Pieta' fis-27 ta'
jannar, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-11 ta' novembru, 2003, għal ħabta tas-1.15 p.m. fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar –

1. inġurja u\jew hedded u\jew għamel offiża fuq il-persuna ta' Mohamed Riani, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li hu kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, u\jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Mohamed Riani, skond kif iċċertifika Dr. Alan Drago M.D. ta' l-isptar San Luqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' novembru,2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95 u 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------